



Fil-qasam ta' benefiċċju soċjali transkonfinali, wild fi ħdan familja rikostitwita jista' jiġi kkunsidrat bħala wild il-ġenitur putattiv

F'dan il-qasam, ir-rabta ta' filjazzjoni ma tiġix iddefinita b'mod ġuridiku iżda b'mod ekonomiku, fis-sens fejn wild ġenitur putattiv li jkun ħaddiem migrant jista' jitlob benefiċċju soċjali fil-mument li dan il-ġenitur putattiv jikkontribwixxi, effettivament, għall-manteniment tiegħu

Bejn Lulju 2013 u Lulju 2014, id-dritt Lussemburgiż kien jipprovdi li wlied ħaddiema fruntalieri impjegati fil-Lussemburgu jew li jeżerċitaw l-attività tagħhom f'dan il-pajjiż setgħu jitolbu għajjuna finanzjarja għal studji f'edukazzjoni oġġla ("borża ta' studju"), b'mod partikolari bil-kundizzjoni li l-ħaddiem fruntalier ikun ħadem fil-Lussemburgu matul perijodu mingħajr interruzzjoni ta' ħames snin meta tkun saret it-talba¹.

Noémie Depesme, Adrien Kaufmann u Maxime Lefort jgħixu rispettivament f'familja rikostitwita komposta rispettivament mill-omm ġenetika tagħhom u l-missier putattiv tagħhom² (għaladarba l-missier ġenetiku jew issepara mill-omm, jew miet). Kull waħda minn dawn it-tliet persuni talbet boroż ta' studju lill-Lussemburgu għas-sena akkademika 2013/2014, minħabba l-fatt li l-missier putattiv rispettiv tagħhom ħadem mingħajr interruzzjoni għal iktar minn ħames snin fil-Lussemburgu (ebda waħda mill-ommijiet, min-naħa l-oħra, ma kienet taħdem f'dan il-pajjiż f'dak iż-żmien). L-awtoritajiet Lussemburgiżi rrifjutaw li jilqgħu dawn it-talbiet, minħabba l-fatt li N. Depesme, A. Kaufmann u M. Lefort ma kinux ġuridikament "ulied" ħaddiem fruntalier, iżda biss "ulied putattivi".

Wara li t-tliet studenti kkontestaw id-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet Lussemburgiżi, il-Cour administrative du Luxembourg (qorti amministrattiva, il-Lussemburgu), adita bil-kawża, essenzjalment tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk, fil-qasam tal-benefiċċji soċjali, il-kunċett ta' "wild" għandux jinkludi wkoll l-ulied putattivi. Fi kliem ieħor, għandu jiġi ddeterminat jekk ir-rabta ta' filjazzjoni tistax titqies minn perspettiva mhux ġuridika, iżda ekonomika.

Fis-sentenza odjerna, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar qabel kollox li, skont regolament tal-Unjoni³, ħaddiem minn Stat Membru għandu jibbenefika f'kull Stat Membru ieħor li fih jaħdem mill-istess benefiċċji soċjali u fiskali bħall-ħaddiema nazzjonali. Barra minn hekk, hija tfakkar li, fir-rigward taç-

¹ Il-kwistjoni dwar jekk din il-kundizzjoni ta' tul ta' xogħol minimu u mingħajr interruzzjoni ta' ħames snin, introdotta wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-20 ta' Ġunju 2013 fil-kawża Giersch (C-20/12, ara CP Nru 74/13), hijiex diskriminatorja jew le fejn jidhri id-dritt tal-Unjoni kienet is-suġġett tal-kawża Bragança Linares Verruga et (C-238/15) li s-sentenza tagħha ngħatat mill-Qorti tal-Ġustizzja Ibieraħ, 14 ta' Diċembru 2016 (ara l-istqarrija għall-istampa 132/16). Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, din il-kundizzjoni tikkonstitwixxi diskriminazzjoni mhux iġġustifikata, sa fejn hija ma tidhirx li hija neċessarja sabiex jiġi sodisfatt l-għan leġittimu mfittex mil-Lussemburgu (jiġifieri l-inċentivazzjoni taż-żieda tar-residenti bi kwalifika f'edukazzjoni oġġla fil-Lussemburgu). Wieheg għandu josserva li l-liġi Lussemburgiża, sa minn żmien il-fatti kontenzjużi, ġiet emendata fuq dan il-punt: skont il-Liġi tal-24 ta' Lulju 2014, jeħtieġ sempliċement li l-ħaddiem fruntalier ikun ħadem fil-Lussemburgu għal matul ħames snin mis-seba' snin li jippreċedu t-talba għal borża ta' studju.

² Il-missier putattiv hawnhekk għandu jinftehem li huwa r-raġel, distint mill-missier ġenetiku, li miegħu l-omm iżżewġet mill-ġdid jew ikkonkludiet sħubija rreġistrata ekwivalenti għaż-żwieġ. Fi-istess sens, l-espressjoni "wild putattiv" għandha tinftehem bħala l-wild li l-omm ġenetika tiegħu reġgħet iżżewġet jew ikkonkludiet sħubija rreġistrata ekwivalenti għaż-żwieġ ma' raġel li ma huwiex il-missier ġenetiku.

³ Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' April 2011, dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 141, p. 1).

ċittadinanza tal-Unjoni, l-ulied huma ddefiniti minn direttiva tal-Unjoni⁴ bħala d-dixxendenti diretti li għandhom inqas minn wieħed u għoxrin sena jew dipendenti kif ukoll **id-dixxendenti diretti tal-konjuġi jew tas-sieħe**. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li mill-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jirriżulta li l-membri tal-familja li jistgħu jibbenefikaw mill-ugwaljanza fit-trattament prevista mir-Regolament huma l-membri tal-familja hekk kif iddefiniti mid-Direttiva. Fil-fatt ebda element ma jagħti x'jifhem li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li jistabbilixxi, fir-rigward tal-membri tal-familja, distinzjoni stretta li tgħid li l-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni fis-sens tad-Direttiva ma humiex neċessarjament l-istess persuni bħall-membri tal-familja ta' dan iċ-ċittadin meta dan jiġi kkunsidrat fil-kwalità tiegħu bħala l-ħaddiem fil-kuntest tar-Regolament.

Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li **ulied il-konjuġi jew sieħeb irrikonoxxut ta' ħaddiem fruntalier jistgħu jiġu kkunsidrati bħala ulied dan tal-aħħar bil-għan li jkunu jistgħu jibbenefikaw minn benefiċċju soċjali bħal broża ta' studju**, u dan huwa wisq iżjed minnu meta direttiva oħra tal-Unjoni⁵, li daħlet fis-seħħ wara l-fatti kontenzjużi, tikkonferma li l-espressjoni "membri tal-familja" għandha tapplika wkoll għall-membri tal-familja tal-ħaddiema fruntalieri.

Fir-rigward tal-livell ta' kontribuzzjoni neċessarja għall-manteniment tal-istudent li fil-konfront tiegħu il-ħaddiem fruntalier ma għandux rabta ġuridika, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li **l-kwalità ta' membru tal-familja dipendenti tirriżulta minn sitwazzjoni ta' fatt**⁶, fejn din il-ġurisprudenza għandha tapplika wkoll għall-kontribuzzjoni ta' konjuġi fil-konfront tal-ulied putattivi tiegħu. B'hekk, **il-kontribuzzjoni għall-manteniment tal-wild tista' tintwera permezz ta' elementi oġġettivi** bħaż-żwieġ, sħubija rreġistrata jew ulterjorment ukoll dar komuni, u dan, **mingħajr ma jkun neċessarju li jiġu ddeterminati r-raġunijiet tal-kontribuzzjoni tal-ħaddiem fruntalier għal dan il-manteniment u lanqas li jiġi kkwantifikat l-ammont eżatt ta' dan il-manteniment**⁷.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Holly Gallagher ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☐ ☎ (+32) 2 2964106

⁴ Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46).

⁵ Direttiva 2014/54/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' April 2014, dwar miżuri li jiffaċilitaw l-eżerċizzju tad-drittijiet konferiti fuq ħaddiema fil-kuntest tal-moviment liberu tal-ħaddiema (ĠU 2014, L 128, p. 8),

⁶ Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Ġunju 1985, Lebon ([C-316/85](#)).

⁷ Għandu jiġi osservat li, sa mill-24 ta' Lulju 2014, il-Lussemburgu emenda l-liġi kontenzjuża billi pprova espressament li wlied ta' ħaddiema fruntalieri jistgħu jibbenefikaw minn boroż ta' studju bil-kundizzjoni li l-ħaddiem ikompli jikkontribwixxi għall-manteniment tal-istudent. Madankollu sa llum il-liġi Lussemburgiża ma tiddefinixxi espressament x'għandu jinftehem b"wild".